**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 06**

**Data:** **20 ta' Novembru 2024**

**Hin:** **10.08am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

06.1 Applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp numru PA/07264/24;

06.2 Materji ohra;

05.12 Tmiem tal-laqgha.

---

**06.1 Applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp numru PA/07264/24**

06.1.1 Is-Sindku qal li din il-laqgha giet imsejha b'urgenza biex issir kontinwazzjoni tad-diskussjoni dwar l-applikazzjoni ta' zvilupp li giet ipprezentata lill-Awtorita' tal-Ippjanar li ggib numru PA/07264/24 fi Triq Trux biex tigi mibdula residenza f'Guest House. Ghal din il-laqgha gie mistieden il-Perit tal-Kunsill sabiex jaghti dettalji dwar din l-applikazzjoni u l-impatt taghha. Il-Perit dahal online. Huwa

spjega li din l-applikazzjoni li fiha hemm imnizzel li ser toffri 46 sodda ghandha impatt kbir ghaz-zona li fiha qed jintalab il-permess. L-iktar impatt huwa b'mod partikolari l-parkegg fejn fil-prezent diga hemm problema ta' parkegg. Il-Perit zied jghid li preokkupazzjoni ohra hija li jekk jinghata permess simili jista' jkun il-kaz li johorgu ohrajn bhalhom. Huwa qal li qed jigi propost sabiex jintuza l-isqaq ta' wara l-propjeta' bhala access biex jidhlu fil-garaxx. Haga ohra li ma jidhirx li qed juri hija kif ser jidhlu biex jaghmlu x-xogholijiet. Il-Perit spjega ukoll li l-applikazzjoni tigi pprocessata minn diversi entitajiet pero kull entita' tara l-parti taghha u ma tikkonsultax mall-ohrajn. Min-naha tal-Awtorita' din tara l-parti holistika u tibqa' fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' ohrajn.

Gie innotat li ser tkun impossibli li l-karozzi jidhlu u johrogu minn gewwa l-isqaq li huwa daqshekk dejjaq. Dan huwa impossibli minghajr ma jkun hemm xi Sistema ta' lights u apparti hekk hemm problema ta' ownership tal-isqaq u li f'din iz-zona hija odz.

Nota ohra hija li fuq in-naha ta' wara ser ikunu qeghdin iharsu fuq id-djar tar-residenti ta' Triq il-Madonna tal-Virtu'.

Is-Sindku staqsa jekk Transport Malta hux ser tigi kkonsultata fejn il-Perit ikkonferma li dawn jigu kkonsultati u ghandhom id-dritt li jwiegbu sakemm tkun miftuha d-data tar-raprezentazzjonijiet. Huwa ccekkja u gie innotat li s-issa kien ghadhom ma tawx ir-risposta taghhom.

Gie innotat ukoll li fiz-zona proposta diga hemm djar ohra li jintuzaw bhala B&B fejn f'kaz minnhom tinkera sahansitra ghalqa privata biex ir-residenti taghhomj ikollhom fejn jipparkjaw il-vettura minhabba n-nuqqas ta' parkegg.

Il-Perit qal li fuq l-applikazzjoni qed tigi proposta ghaxar postijiet tal-karozzi.

Gie innotat li diga hemm problema ta' kif ser isir ix-xoghol fejn is-Sindku staqsa jekk ikunx hemm method statement u l-perit wiegeb li ma jkunx hemm method statement pero' jekk jintalab ikun irid jigi pprezentat. Gie innotat li min-naha minnhom ser johrogu barra mid-development zone line filwaqt li min-naha l-ohra ser jibqghu 'l gewwa. Il-Perit qal li bhala progett mhuwiex ikkonsidrat bhala wiehed magguri ghall-Awtorita' pero' ghal-lokalita' zghira bhal l-Gharb, ghall-Kunsill huwa kkunsidrat bhala magguri.

Is-Sindku ssgerixxa li ssir oggezjoni u li possibilment jigu inkluzi ukoll ir-residenti kkoncernati f'din iz-zona. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha ssir oggezjoni. Il-Perit gie ghalhekk mitlub jipprepara l-oggezjoni u jekk huwa possibli tigi inkluza Dr. Claire Bonello. Il-Perit ikkonferma li ser ikun qed jirregistra lill-Kunsill bhala representee u ser jibghat il-punti ewlenin lill-avukat.

**06.2 Materji ohra**

06.2.1 Ma kienx hemm materji ohra.

**06.3 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

06.3.1 Il-laqgha spiccat fil-10.43am

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv